MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 1645/2010

**George Grech f'ismu proprju u ghan-nom**
**u in rapprezentanza tas-Socjeta' Saguna Co. Ltd.**
**(C-12989)**

**vs**

**Paul Zammit**
**ID392956-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi prevja kull dikjarazzjoni necessarja, kundanna sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta' tliet elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06c), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti spejjez inkorsi mill-atturi fl-irkupru ta' dejn dovut mill-istess konvenut, li gran' parti minnu obbliga ruhu quddiem il-Qorti biex ihallsu lill-atturi, izda liema spejjez, inkluzi dawk tal-kunsinnatarju, baqghu ma thallsux nonstante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandati kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma' dan l-att, u l-imghax dekoribbli mis-16 ta' Dicembru, 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet huma preskritti bi preskrizzjoni ta' sentejn; illi fil-mertu, l-esponenti m'ghandu jhallas xejn lill-atturi; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha li gew esebiti minnhom.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ra s-sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, li nghatat fil-11 ta' Mejju, 2012.

Ikkunsidra,

Illi in forza ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' tliet elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06c) liema ammont jirraprezenta spejjez li inkora l-attur sabiex jottjeni hlas ta' kreditu dovut lilu mill-konvenut. Illi l-attur xehed illi hu biegh dghajsa lill-konvenut, u ghalkemm bieghilu diversi snin ilu, madwar ghaxar-(10) snin ilu, hu kien baqa' ma thallasx il-prezz taghha. Illi l-konvenut kien debitur tal-attur fl-ammont ta' sbatax-il elf lira Maltin (Lm17,000). Illi l-attur kien dispost li jistenna li jircievi l-hlas ta' din id-dghajsa minghand il-konvenut ghaliex kien qed jghatih il-possibilita' illi jahdem biha u konsegwentement jiggenera dhul biha.

Illi xi zmien wara, madanakollu, l-attur ipproceda b'kazwa fil-konfront tal-konvenut sabiex jottjeni hlas minghandu tas-somma msemmija. Illi in segwitu ta' din il-kawza kien sar mandat ta' qbid ta' din id-dghajsa u kien gie nominat kunsinnatarju, li d-dghajsa in kwistjoni, giet affidata fil-pussess tieghu. Illi d-dghajsa damet fil-pussess tieghu ghal perjodu ta' tliet-(3) xhur, u aktar precizament bejn id-19 ta' Settembru 2008 sas-17 ta' Dicembru, 2008; illi l-kunsinnatarju rcieva hlas ghas-servizzi rezi minnu fl-ammont ta' tliet elef mija u hmistax-il

ewro (€3,115.00), u dan bir-rata ta' hamsa u tletin ewro kuljum (€35.00). Illi l-hlas lill-kunsinnatarju gie mwettaq mill-attur.

Illi f'udjenza quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili li s-socjeta' S[a]guna Company Limited kienet istitwit fil-konfront tal-konvenut f'din il-kawza, l-istess konvenut kien wettaq hlas lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hmistax il-elf u disa' mitt ewro (€15,900), filwaqt illi saret rizerva u obbligazzjoni da parti tal-konvenut li ser iwettaq il-hlas tal-ispejjez dovuti lill-kunsinnatarju, kemm-il darba jinghata r-ricevuti relattivi ghal tali hlas.

Ikkunsidra,

Illi mill-ftit provi li gew imressqa f'din l-azzjoni jirrizulta illi l-konvenut f'din il-kawza kien debitur tas-socjeta' Saguna Company Limited, u li din hadet azzjoni legali fil-konfront tal-konvenut sabiex tottjeni hlas minghandu ta' dan il-kreditu. Illi tali azzjoni kienet tinkludi wkoll proceduri ta' bejgh *in licitazzjoni* tad-dghajsa bl-isem "Mermaid" proprjeta' tal-konvenut. Illi mid-dokumenti li gew ipprezentati jirrizulta illi din kellha tinbiegh bis-subbasta fis-16 ta' Dicembru, 2008; illi l-konvenut intavola proceduri quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex jitlob is-sospensjoni tal-bejgh, liema talba giet akkolta wara li l-konvenut wettaq il-hlas tal-kreditu dovut lis-socjeta' rikorrenti. Illi oltre li wettaq tali hlas, il-konvenut intrabat u obbliga ruhu li jwettaq il-hlas ukoll tal-ispejjez tal-kunsinnatarju, u dan kemm-il darba jinghata r-ricevuti relattivi ghall-hlas li gie mwettaq mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici lill-istess kunsinnatarju.

Illi jidher illi l-hlas dovut mill-konvenut relattiv ghall-ispejjez tal-kunsinnatarju baqa' ma giex imwettaq, u ghalhekk l-atturi pproponew din l-azzjoni. Illi l-konvenut da parti tieghu jikkontendi illi m'ghandux ihallas ebda ammont lill-atturi, izda jonqos milli jissostanzja tali dikjarazzjoni. Illi huwa minnu illi f'dawn il-proceduri ma gew ipprezentati ebda ricevuti li minnhom jirrizulta li gie mwettaq hlas mill-attur jew mis-socjeta' attrici lill-kunsinnatarju; madanakollu, dan tal-ahhar ddikjara bil-gurament tieghu illi rcieva hlas minhand l-attur, ghan-nom tas-socjeta' attrici, tas-somma ta' tliet elef mija u hmistax-il ewro (€3,115.00) ghas-servizzi rezi minnu (a fol.15 tal-atti). Illi din id-dikjarazzjoni guramentata ma giet bl-ebda mod ikkontesta jew kontradetta mill-konvenut, u ghalhekk ma hemm ebda raguni ghalfejn dan it-Tribunal m'ghandux iqis tali dikjarazzjoni bhala wahda veritiera.

Illi in rigward ta’ spejjez ohra li l-atturi qed jitolbu refuzjoni taghhom minghand il-konvenut, gewipprezentati ricevuta rilaxxjata minn Allied Newspapers Limited (a fol.29) fl-ammont ta’ tlieta u erbghin Euro u seba’ centezmi (€43.07c) relattiva ghall-avviz li deher fil-gazzetta “The Times” dwar il-bejgh *in licitazzjoni* li kien ser isir tad-dghajsa Mermaid (a fol.28 tal-atti), kif ukoll ricevuta rilaxxjata minn Burlo’ Fleri-Soler & Associates Notaries Pulblic, Malta (a fol.30 tal-atti) fl-ammont ta’ erbghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm40.35c), ekwivalenti ghal tlieta u disghin ewro u disgha u disghin centezmu (€93.99c), relattiva ghal xi ricerki jew thejjija ta’ dokumenti li saru lura fl-2006.

Illi dwar id-differenza fl-ammont bejn dak mitlub fl-avviz tat-talba, u cioe’ tliet elef erba’ mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06c), u dak li jirrizulta meta jigu mghaduda l-ammonti rizultanti mid-dokumenti u ricevuti ezebiti, jidher li tirraprezenta spejjez inkorsi sabiex gew ipprezentati mandati kawtelatorji fil-konfront tal-konvenut, oltre imghax mid-data ta’ meta gie mwettaq il-hlas mill-konvenut lill-attur, u cioe’ mis-16 ta’ Dicembru, 2008 ‘l hawn. Illi dwar l-mandati kawtelatorji ma gew ipprezentati ebda ricevuti jew taxxi ufficjali, u f’dak li jirrigwarda l-imghax, fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, dan m’ghandux jigi mghadud mas-*sorte,* izda komputat separatament.

Illi fic-cirkostanzi, u fl-assenza ta’ ebda provi da parti tal-konvenut sabiex jirrespingi u jikkontesta t-talba avanzata mill-atturi, it-Tribunal huwa tal-fehma illi gie sodisfacentement ipprovat illi l-atturi, jew min minnhom, zborsaw l-ammont ta’ tliet elef mija u hmistax-il ewro (€3,115.00) bhala hlas lill-kunsinnatarju ghas-servizz rez minnu. Illi l-istess japplika f’dak li jirrigwarda l-hlas tal-avviz li deher fil-gazzetta “The Times” ghall-bejgh bis-subbasta tad-dghajsa “The Mermaid”. Madanakollu, u f’dak li jirrigwarda dik il-parti tat-talba ghal refuzjoni tal-ispejjez li thallsu lin-Nutar Dr Timothy Ellis, ma jirrizultax sodisfacentement mill-atti illi dak il-hlas sar mill-atturi in konnessjoni ma’ din il-pendenza. Illi ghalhekk it-talba tal-atturi ser tigi milqugha *in parte*, u dan fl-ammont ta’ tliet elef mija tmienja u hamsin ewro u seba’ centezmi (€3,158.07c).

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa’ t-talba tal-atturi *in parte* u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ tliet elef mija tmienja u hamsin ewro u seba’ centezmi (€3,158.07c), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez, inkluz tad-decizjoni dwar preskrizzjoni, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------